**25 ta' Ottubru, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Anthony Ventura *noe*

*versus*

Raymond Buttigieg

**Kawża *Sine Die* - Riappuntament - Notifika - Nuqqas ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell annullat sentenza ta' l-ewwel Qorti u rrimettiet l-atti għall-kontinwazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għaliex sabet illi l-konvenut ma kienx ġie nnotifikat bl-avviż tar-riappuntament tas-smigħ tal-kawża wara li din kienet tħalliet* sine die *meta l-ewwel Qorti kienet semgħet il-provi u ddeċidiet fin-nuqqas tan-notifika tiegħu.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fit-3 ta' April, 1995 li minnha sar l-appell preżenti u li taqra hekk:

"Rat l-avviż ippreżentat mill-attur *nomine* fl-10 ta' Jannar, 1995 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm70.39 dovuta għall-ħsarat ikkawżati minnu fuq proprjeta' tal-korporazzjoni fi Triq Valletta, ir-Rabat, fis-27 ta' Diċembru, 1991. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta'

ittra interpellatorja ta' l-4 ta' Awissu, 1993 u ta' ittra uffiċjali tas-27 ta' Settembru, 1993 u bl-interessi legali kontra l-konvenut li ġie inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Raymond Buttigieg fejn eċċepixxa illi t-talbiet ta' l-attur *nomine* huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine* stess u dana peress li m'għandu ebda tort għall-ħsarat allegatament indikati;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat illi l-konvenut ma deherx biex jagħti x-xhieda tiegħu meta l-kawża kienet ukoll appuntata għaldaqshekk;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Billi t-talba ta' l-attur hija ġusta u timmerita konferma, tilqa' l-istess u tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm70.39 dovuta għall-ħsarat ikkawżati minnu fuq proprjeta` tal-Korporazzjoni fi Triq Valletta, ir-Rabat, fis-27 ta' Diċembru, 1991. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Rat in-nota u l-petizzjoni ta' l-appell ta' Raymond Buttigieg, il-konvenut, li permezz tagħhom interpona appell mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti u talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tirrinvija l-proċess lura lill-ewwel Onorabbli Qorti biex jinstemgħu l-provi - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kontro-parti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

"L-aggravju ta' l-appellant huwa wieħed abbastanza sempliċi. Huwa jippermetti li f'ċertu stadju quddiem il-prim'istanza l-kawża kienet marret *sine die* u li sussegwentement ġiet riappuntata għas-smigħ għall-20 ta' Frar, 1995 b'liema riappuntament pero`, huwa qatt ma ġie nnotifikat. Kienet din ir-raġuni, huwa jissottometti, li minħabba fiha, billi ma kienx jaf bl-appuntament u s-seduti sussegwenti li saru, huwa ma attendiex. Fuq din il-bażi huwa jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata;

Minn eżami ta' l-atti proċeswali dak li qiegħed jallega l-appellant jirriżulta korrett. In fatti jidher li fis-16 ta' Jannar, 1995 wara talba ta' l-attur, l-ewwel Onorabbli Qorti rriappuntat il-kawża għas-smigħ għall-20 ta' Frar, 1995 fid-9.00 a.m. Ġara pero` illi mill-proċess ma jirriżultax li l-konvenut jew anke l-attur ġew innotifikati b'dan ir-riappuntament. L-attur deher u ġab il-provi tiegħu, pero` dana ma jfissirx illi l-konvenut kien jaf jew kien ġie formalment infurmat bir-riappuntament tal-kawża kif titlob il-liġi. Għalhekk l-appell huwa sostnut għaliex in mankanza ta' prova ta' notifika bid-data tar-riappuntament, l-ewwel Qorti ma setgħetx tgħaddi biex tisma' l-provi u tiddeċidi l-kawża;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni u d-deċiżjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' dan l-appell abbażi tal-prinċipju ta' *error judicis, error partis* jiġu sopportati miż-żewġ kontendenti ugwalment bejniethom.